Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 58/2011

**Rudolph Azzopardi (appellat)**

**Vs**

**Market Handle Limited u Donald Micallef (appellant)**

7 ta' Ottubru, 2016.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' Frar 2011, l-attur talab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €8,040 li jirraprezenta prezz ghall-bejgh u konsenja ta' aircondition units. Fl-10 ta' Mejju 2012, is-socjeta konvenuta wiegbet u kkontestat it-talba (fol. 27). Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, is-socjeta attrici talbet li Donald Micallef jissejjah fil-kawza ghaliex mill-istatut tal-kumpannija kien jirrizulta li ma kellux ir-rapprezentanza tas-socjeta konvenuta. Mill-verbal tas-seduta jirrizulta li wara s-seduta kien deher id-difensur tas-socjeta konvenuta u ha konjizzjoni tal-verbal (fol. 29). Id-difensur tas-socjeta konvenuta hu l-istess difensur tal-appellant.

2. B'sentenza tal-10 ta' Gunju 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqat it-talba tal-attur fil-konfront ta' Donald Micallef u kkundannatu jhallasu s-somma ta' €8,040. Dan wara li mill-atti jirrizulta li Micallef gie notifikat permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni. L-affissjoni saret ukoll mal-indirizz Ocean Height, Blokk B, No 1, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, San Pawl il-Bahar (fol. 48). Waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 kien prezentat kapitolu fil-konfront tieghu. Peress li ma deherx ghas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2013, inghatat sentenza kontra tieghu. Mill-atti jirrizulta li ghas-seduti tal-10 ta' Dicembru 2012, 4 ta' Frar 2013, 22 ta' Frar 2013, 25 ta' Marzu 2013, 3 ta' Mejju 2013, 24 ta' Mejju 2013, 31 ta' Mejju 2013, 3 ta' Gunju 2013 u 10 ta' Gunju 2013 hadd ma deher ghas-socjeta konvenuta.

3. Micallef appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

i. Ma kienx notifikat skond il-ligi. Il-fond fejn kienu qeghdin isiru t-tentattivi ta' notifika, m'ghandu l-ebda konnessjoni mieghu.
ii. L-azzjoni tal-attur hi preskritta, skond l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.
iii. L-ewwel qorti naqset milli tapprezza li kien hemm prova li turi li m'huwiex debitur tal-attur.

4. Mill-atti jirrizulta li t-tentattivi ta' notifika fl-indirizz Ocean Height, Blokk B, No 1, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, San Pawl il-Bahar saru fil-perjodu bejn is-

7 ta' Awissu 2012 u t-30 ta' Jannar 2013. Kien fl-ahhar data li saret l-affissjoni mal-imsemmi indirizz. Kull tentattiv ta' notifika qabel dakinhar kien bla success.

5. B'riferenza ghall-ewwel aggravju, xehed Donald Micallef li kkonferma:

i. Il-fond Ocean Height, Blokk B, No 1, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, San Pawl il-Bahar kien fil-pussess tieghu ghall-perjodu ta' mhux iktar minn xahrejn, u kien juzah bhala l-ufficcju personali tieghu.
ii. Ighix fil-fond Bel Plage, Shipwreck Promenade, Xemxija li ilu jikri mill-1 ta' April 2012 (ara kopja ta' kuntratt ta' lokazzjoni a fol. 51). Fil-prezent hemm proceduri gudizzjarji quddiem il-Bord Li Jirregola, li fihom sid il-kera harrku biex jizgumbrah minn gewwa l-fond.
iii. Fil-karta tal-identita, l-indirizz hu 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar. Dan il-fond hu l-indirizz tal-genituri tieghu u ma kienx ir-residenza tieghu.

6. L-appellant qieghed isostni li n-notifika tal-att kienet nulla ghaliex l-indirizz dikjarat mill-attur ghal skop ta' notifika, *"3.4… ma huwiex (u lanqas kien) la r-residenza tal-esponenti, la l-post fejn jahdem jew tax-xoghol u lanqas l-indirizz postali tieghu. Kif inghad, l-indirizz indikat huwa indirizz illi l-esponenti ma ghandu l-ebda konnessjoni mieghu."* Hu fatt li l-appellant kellu konnessjoni mal-indirizz, tant li hu stess xehed li ghamel xi xahrejn juzah bhala ufficcju u kien inkludih fil-*facebook page* tas-socjeta konvenuta. F'kull kaz pero' qatt ma gie notifikat fl-imsemmi ndirizz, li skond ma xehed qatt ma kien r-residenza tieghu. Ladarba qatt ma giet notifikat f'dak l-indirizz, ma jistax jinghad li hemm xi nullita.

7. L-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, kif kien qabel l-emendi ntrodotti fis-sena 2016, kien jaqra:

*"Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghda barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-qort tista tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi u, meta jkun possibbli, **jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza**."*

Skond ma xehed il-konvenut, il-fond fejn saru t-tentattivi ta' notifika ma kienx ir-residenza tieghu. Hu fatt li meta notifika ssir skond din id-disposizzjoni, il-procedura ghandha tigi segwita *ad litteram* (Prim'Awla, **Magri vs Vancell et** tal-15 ta' April 2002).

8. Fl-atti m'hemmx digriet ghal finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3). Pero' hu evidenti li l-qorti approvat in-notifika li saret b'dik il-procedura, tant li

kienet qeghda tiddiferixxi l-kawza sabiex issir notifika skond din id-disposizzjoni u wara l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u gazzetta lokali u l-prezentata tal-kapitolu, tat sentenza kontra l-appellant. Jirrizulta li:

i. Fit-30 ta' Jannar 2013 twahhlet kopja tal-atti fl-Ghassa tal-Pulizija u Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar.
ii. Fl-1 ta' Frar 2013 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern.
iii. Fid-9 ta' Mejju 2013 saret il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ta' kuljum.

L-appellant ma ppropona l-ebda ilment dwar in-notifika bil-pubblikazzjoni.

9. Il-htiega ta' affissjoni fil-post ta' residenza, li fiz-zmien li saret in-notifika kien il-fond Belle Plage, Shipwreck Promenade, Xemxija, kien jekk dan il-post ta' residenza jkun maghruf. L-appellant argumenta:

*"3.8 L-attur appellat ma giex dispensat milli jikkompleta l-procedura tal-affissjoni billi jwahhal kopja tal-atti mar-residenza tal-esponenti. Dan tant huwa minnu li l-affissjoni saret izda fl-indirizz indikat mill-attur appellat u illi mieghu l-epsonenti ma ghandu l-ebda konnessjoni."*

Pero' m'hemm l-ebda prova li l-post ta' residenza tal-konvenut kien maghruf lill-attur. Lanqas m'hemm prova li l-konvenut kien gharraf lill-attur bl-indirizz tal-genituri tieghu. Il-htiega ta' affissjoni tal-att gudizzjarju mar-residenza hu mehtieg meta jkun maghruf il-post ta' residenza tal-persuna li trid tigi notifikata bl-att gudizzjarju. F'dan il-kaz m'hemmx din il-prova[1]. Kien ikun hemm tali prova kieku per ezempju kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-kontendenti u fiha l-appellant iddikjara l-indirizz tar-residenza tieghu. Il-konvenut qatt ma nsinwa li l-attur kien jaf li l-post ta' residenza kien Belle Plage, Shipwreck Promenade, Xemxija. Il-konvenut lanqas ma ddikjara dak l-indirizz fir-rikors tal-appell minkejja li pprezentah fit-18 ta' Gunju 2013, cjoe' f'data meta kien diga' qieghed ighix f'dak l-indirizz. Fil-fatt fir-rikors tal-appell nizzel l-indirizz tal-genituri tieghu. Minn dak li xehed il-konvenut jidher li l-attur gab l-indirizz Ocean Heights, Block B, Numru 1, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, San Pawl il-Bahar mill-facebook (fol. 44). L-indizju hu li l-attur ma kienx jaf b'indirizz iehor fejn seta' jinnotifika lill-konvenut. Peress li m'hemmx prova li l-post ta' residenza tal-appellant kien maghruf ghall-attur, ma kienx hemm il-htiega li ssir affissjoni mal-fond Belle Plage, Shipwreck Promenade, Xemxija. Ghalhekk jfalli l-ewwel aggravju tal-appellant ghaliex ghal finijiet tal-ligi.

[1] Ghalkemm fis-sentenza **Three Barrels Limited vs Joan Schembri et** tat-13 ta' Lulju 2001 (fir-rikors tal-appell saret riferenza ghaliha), il-Qorti tal-Appell qalet li ghal finijiet tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12 rekwizit *ad validitatem* hu l-affissjoni mal-post ta' residenza, pero l-istess disposizzjoni tipprovdi li l-affissjoni ssir *"meta jkun possibbli **jekk il-post ta' residenza jkun maghruf**."*

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju bl-ispejjez kontra l-appellant. Fis-seduta li jmiss issir trattazzjoni dwar it-tieni u tielet aggravji.**

Anthony Ellul.